

- sussidjarjament, abbażi ta' l-Artikolu 229 KE, tannulla jew tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuqha permezz ta' din id-deċiżjoni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tbatlha l-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 512 finali, tal-21 ta' Frar 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 ŻEE (Każ COMP/E-1/38.823 — PO/Elevators and Escalators), dwar akkordju fuq is-suq ta' l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' lifts u ta' skalaturi mekkaniċi fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu u fl-Olanda, li jikkonċerna l-manipulazzjoni ta' sejħiet għal offerti, it-tqas tas-swieq, l-iffissar tal-prezzijiet, l-għoti ta' proġetti u ta' kuntratti ta' bejgħ, ta' l-installazzjoni, tal-manutenzjoni u ta' l-immodernizzar tal-makkinarju u l-iskambju ta' informazzjoni, safejn dan jikkonċernaha. Sussidjarjament, ir-rikorrenti titlob l-annullament jew it-tnaqqis tal-multa li ġiet imposta fuqha mid-deċiżjoni kkontestata.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tgħid li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkundannatha tħallas il-multa flimkien u in *solidum* mal-kumpannija sussidjarja tagħha li kienet parti fl-akkordju. Hija tippremetti li l-Kummissjoni kienet żbaljata fuq in-natura u l-portata tal-parteċipazzjoni tagħha fil-kapital azzjonarju tal-kumpannija sussidjarja tagħha, peress illi r-rikorrenti hija kumpannija ta' natura purament finanzjarja mingħajr attività kummerċjali proprja u hija azzjonarju b'minoranza fil-kumpannija sussidjarja, u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tagħha. Ir-rikorrenti issostni wkoll li l-Kummissjoni ma tatx prova suffiċjenti skond il-liġi ta' l-involviment tagħha fl-akkordju in kwistjoni, għall-kuntrarju tar-rwol personali ta' l-azzjonist tagħha, fil-kapaċità tiegħu ta' amministratur-azzjonist tal-kumpannija sussidjarja.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2007 — UMG Recordings vs L-UASI — Osman (MOTOWN)

(Kawża T-143/07)

(2007/C 140/67)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** UMG Recordings, Inc. (Santa Monika, L-Istati Uniti ta' L-Amerka) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri, A. Castán Pérez-Gómez, lawyers)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*trade marks* u disinni)

**Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell:** Jimmy Osman (Londra, Ir-Renju Unit)

### Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza toghgħobha:

- tilqa' l-atti u d-dokumenti mehmuża magħhom u tikkunsidra li l-appell kontra d-deċiżjoni mogħtija mit-Tieni Bord ta' l-Appell tal-UASI fil-15 ta' Frar 2007 fil-każ R-523/2006-2, għe ppreżentat fil-ħin u skond il-proċedura, wara li ttieħdu l-passi proċedurali meħtieġa, sabiex tingħata sentenza fi żmien xieraq li tannulla dik id-deċiżjoni u tordna espressament lill-UASI jbatlha l-ispejjeż tal-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

**Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija suġġetta għal talba għal revoka:** il-kelma *trade mark* Komunitarja "MOTOWN" għal prodottu u s-servizzi fil-klassijiet 9, 25, 41 u 42 — applikazzjoni Nru 206 243

**Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:** UMG Recordings

**Parti li qed jitlob ir-revoka tat-trade mark Komunitarja:** Jimmy Osman

**Dritt tat-trade mark tal-parti li qed jitlob ir-revoka:** Mhux applikabbli

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' Oppożizzjoni:** Laqgħet it-talba għal revoka mitluba għas-servizzi kkontestati kollha fil-klassi 42 u 41 id-deċiżjoni safejn din kienet magħmula kontra s-servizzi fil-klassi 41

**Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:** Laqgħet l-appell imressaq minn Jimmy Osman.

**Motivi invokati:** Ksur ta' l-Artikoli 15(1) u 50(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94

Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord ta' l-Appell allegatament żbalja l-evalwazzjoni tiegħu ta' l-evidenza ppreżentata in sostenn ta' l-użu tat-*trade mark* tagħha fir-rigward tas-servizzi kkontestati fil-klassi 41.

L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Bord ta' l-Appell naqas milli jikkunsidra li t-*trade mark* ikkontestata kienet suġġetta għal atti ta' użu fis-servizzi kkontestati kemm mill-proprietarju rreġistrat kif ukoll minn persuni terzi bil-kunsens tal-proprietarju.

It-tieni nett, skond ir-rikorrenti, il-Bord ta' l-Appell ikkonfonda "servizzi ta' diskoteki" ma "organizzazzjoni ta' avvenimenti mużikali" filwaqt li ma ħax in kunsiderazzjoni li dawn kienu jaqgħu taħt kategoriji differenti ta' servizzi.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li, anke jekk jitqies li hija ma pparteċipatx kemm direttament jew indirettament fil-provvista ta' "servizzi ta' diskoteki" u/jew fl-"organizzazzjoni ta' avvenimenti mużikali", kellu jingħad li din tat servizzi speċifiċi taħt il-kategoriji msemmijin iktar 'il fuq u li l-provvista ta' dawk "is-sub-servizzi" serviet sabiex ma jibqax japplika l-obbligu li t-*trade mark* tagħha tintuża għal hekk imsejja kategoriji ġenerali ta' servizzi (jiġifieri, is-servizzi kkontestati).